MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2010

Numru. 398/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Joseph Portelli ta' 40 sena, iben Francis u Mary nee' Spiteri,**
**imwieled Pieta', Malta, nhar il-15 ta' Ottubru, 1969, residenti fil-fond**
**Sea Angel, Triq Dun Speditu Tabone, Ghajnsielem, Ghawdex, detentur**
**tal-karta tal-identita' numru 440469(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Portelli li gie akkuzat talli nhar is-6 ta' Mejju, 2010 u fil-gtranet ta'

qabel, f’diversi hinijiet, gewwa San Lawrenz, Ghawdex u f’postijiet ohra gewwa Ghawdex:

1. Iddepozita radam f’sit li ma hux sit ghar-rimi u li ma hux kopert b’licenzja ghal dan il-ghan mahrug mid-Direttur ghall-Harsien tal-Ambjent (A.L. 128/1997 Art3,4);

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li josserva xi dispozizzjonijiet tar-regolamenti tal-1997 dwar drittijiet u depozitu ghal kull skart u radam (A.L. 128/1997 Art 22);

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, dahal ghal xi attivita’ fil-maniggjar tal-iskart minghajr permess mill-awtorita’ kompetenti u bi ksur ta’ tharis tar-regolament tal-2001 dwar permessi u kontrolli fil-maniggjar tal-iskart (A.L. 337/2001 Art 6);

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, abbanduna, waqqa’, tefa’ jew xort’ohra mmaniggja skart mhux skont id-dispozizzjonijiet tar-regolament tal-2001 dwar permessi u kontrolli fil-maniggjar tal-iskart (A.L. 337/2001 Art 26(a));

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, qieghed skart f’post fejn ma hux post li jigi mmaniggjat l-iskart u li ma hux post awtorizzat li jircievi tali skart bis-sahha ta’ xi permess (A.L. 337/2011 Art 7 (3));

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi minghajr awtorizzazzjoni b’ligi, rema, tefa’ jew iddepozita xi zibel f’post pubbliku jew spazju fil-miftuh li l-pubbliku ghandu access ghalih (A.L. 344/2005 Art 4);

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija b’zieda ma’ kull piena li tista’ tigi imposta skont A.L. 344 tal-2005 tordna l-hati sabiex inehhi mill-post fejn sar r-reat, il-materjal kollu li dwaru nstab hati fi zmien bizzejjed ghal hekk li jigi stabbilit mill-Qorti u li fin-nuqqas tat-tharis ta’ dik l-ordni, dak il-materjal jitnehha mill-Kunsill Lokali tal-lokalita’ jew awtorita’ ohra ghas-spejjez tal-hati;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet riaffermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien jirrikunsidra l-istess;

Ikkunsidrat,

Illi fid-dawl tal-ammissjoni, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat, il-fatt illi r-radam illum tnehha mill-imputat u inoltre qieghed jikkollabora mal-Pulizija f'investigazzjonijiet ohra;

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 3, 4 u 22 tal-Avviz Legali 22 ta'l-1987, ir-regolamenti 6, 7(3), 26(a) ta'l-Avviz Legali 337 tal-2001 u ir-regolament 4 ta'l-Avviz Legali 344 ta'l-2005, u l-artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'Malta, issib lill-imputat hati ta'l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' elfejn u erba' mitt ewro (€2400) li ghandhom jithallsu mitt ewro (€100) fix-xahar f'erbgha u ghoxrin (24) rata mensili bl-ewwel pagament ikun dovut fl-ahhar ta' Gunju, 2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------